MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2013

Talba Numru. 341/2010

**Raymond Buttigieg [ID. Nru. 443070M]**

**Vs**

**Roderick Farrugia [ID. Nru. 229578M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fid-9 ta' Frar, 2010** u li permezz taghha talab lill-intimat jhallsu s-somma ta' elf disa mija tnejn u sebghin euro [€1,972] u dan wara li ppremetta hekk:

"L-attur qieghed jitlob il-hlas tas-somma ta' elf, disa mija u tnejn u sebghin euro (€1,972) rappreżentanti hlas ghal danni li huwa sofra fil-vettura (xarabank) tieghu targata DBY-312 minhabba negliġenza da parti tal-konvenut peress illi dakinhar tal-incident ipparkegga l-vettura tieghu targata IAB-107 gewwa Triq Santa Tereza, Bormla, b'mod negliġenti per konsegwenza li l-attur sofra id-danni pretizi. Illi nonostante li l-konvenut gie nterpellat bonarjament

sabiex jersaq ghall-hlas tad-danni permezz ta' ittra legali datata 11 ta' Dicembru 2009, huwa baqa inadempjenti. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez ta' din il-kawza, inkluż tal-ittra legali datata 11 ta' Dicembru 2009 u bl-imghax dekoribbli mid-data ta' meta l-konvenut gie nterpellat b'tali ittra sal-pagament effettiv, kif ukoll bl-ispejjez tal-mandat kawtelatorju in konnessjoni ma' din il-kawza".

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fl-10 ta' Marzu, 2010 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"Illi t-talba ghandha tiġi michuda stante:

1. It-Tribunal m'ghandux kompetenza peress li tali azzjoni kellha ssir quddiem arbitraġġ kif stipulat mil-ligi;

2. Fil-mertu u bla preġudizzju l-incident stradali (kolliżjoni) mertu tal-kawza saret minhabba htijiet imputabbli lill-attur;

3. Bl-ispejjez".

Ra s-sentenza preliminari ta' dan it-Tribunal, kif diversament ippresedut, datata 24 ta' Frar, 2012 dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat. Permezz ta' din is-sentenza preliminari, t-Tribunal iddeċieda li huwa kompetenti biex jisma dan il-kaz u cahad l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat.

Ra l-verbal datat 6 ta' Mejju, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. In succint jinghad li rikorrenti qieghed ifittex lill-intimat ghal hlas tas-somma ta' €1,972 u dan bhala danni kkawżati fil-vettura tieghu tat-tip xarabank. L-intimat, dejjem skond ir-rikorrenti kellu xi oġġetti tal-hadid li kienu hergin mill-vettura tieghu u waqt li kien qieghed isuq, huwa ma rajhomx, bil-konsegwenza li huwa dahal fihom u ghamel il-hsara riskontrata. L-intimat ighid li huwa ma ghandu x'jahti xejn ghal dan.

Ikkunsidra;

2. **Is-Surgent Maggur 1177 Carmel Bonello** xehed fis-16 ta' Mejju, 2012 u qal li fis-7 ta' Dicembru, 2009 kien mar ir-rikorrenti ġewwa l-Ghassa ta' Bormla u infurmah "*... illi waqt li kien tiela l-Birgu minn Bormla bix-xarabank tieghu DBY-312 hekk x'hin wasal fejn il-Knisja ta' Santa Tereza kellu jiġbed fuq in-naha tax-xellug peress illi kienet ġejja karozza ssuq fid-direzzjoni tieghu*" (fol. 31). Kompla jghid li "*Minhabba din il-manuvra huwa laqat arblu tad-dawl tal-kiosk u ghamel hsara fuq il-windscreen tieghu*" (fol. 31). Is-Surgent Maggur jkompli jghid li hu, flimkien mal-Kuntistabbli tal-Pulizija 229 marru fuq il-post u hemm setaw jikkonstataw "*... illi l-kiosk kellu żewġ hadidiet hergin il-barra li maghhom tkun tista taqbad is-search light*" (fol. 31). Qal li seta jara li wahda minn dawn il-hadidiet kienet mkissra. Huwa kellem lil sid il-kiosk u dan qallu li huwa pparkja hemm bil-permess tal-Kunsill Lokali. Meta gie muri r-ritratti esebiti mir-rikorrenti, il-Maggur spjega wiehed wiehed x'kien qieghed jidher fihom.

In kontro-ezami qal li l-incident sehh lejliet il-festa ta' Bormla. Huwa ukoll ivverifika mal-Kunsill Lokali biex jara jekk l-intimat kellux liċenzja biex jipparkja l-kiosk fejn sehh l-incident, u fil-fatt irrizultalu li kien hemm dan il-permess. Il-Maggur qal li t-triq hija wiesgha biżżejjed biex jghaddu xarabank u karozza u li dawn il-hadid li maghhom kien hemm imwahhal il-floodlight kienu qeghdin hemm biex in-nies ikunu jistghu jaraw waqt li jkunu qeghdin jixrtu mill-kiosk. In ri-ezami, l-Maggur qal li l-intimat qatt ma kellu jinghata permess biex jipparkja l-kiosk fejn kien. Il-permess li kellu l-intimat kien biex jipparkja fi Triq Santa tereza u mhux biex jipparkja f'xi *parking bay* partikolari.

3. **Il-Kuntistabbli tal-Pulizija 229 Kenneth Camilleri** xehed li huwa kien mar mal-Maggur fuq il-post biex jinvestigaw il-kaz u x'hin wasal hemm, huwa kien tela fuq il-kabina sabiex idahhal il-hadid il-gewwa u ma jhalliehomx jisporgu fuq it-triq kif kienu. Qal ukoll li dawn iz-zewg hadidiet sporguti l-barra ma kienux ta' natura permanenti iżda temporanji u dan fis-sens li kienu jidhlu lura bic-channels li kien hemm. Dan sabiex meta jkun qieghed jinstaq il-kiosk dawn iz-zewg hadidiet ma jkunux qeghdin sporguti l-barra. Il-Kuntistabbli qal li meta sehh l-incident "*... ma kienx hemm sid il-kiosk fuq il-post u allura jiena hassejt il-htiega li ndahhalhom il-gewwa halli ma jkunx hemm iktar incidenti*" (fol. 34).

4. **Stephen Cachia**, rappreżentant ta' l-Awtorita ghat-Trasport f'Malta xehed li l-vetturi huma reġistrati fuq il-kontendenti f'din il-kawza.

5. **Joseph Caruana**, Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Bormla xehed li l-intimat kellu permess sabiex jipparkja l-kiosk ghal tlett ijiem shah fi Triq Santa Tereza, Bormla.

6. Henry Grech, rappreżentant tas-socjeta Atlas Insurance PCC Limited qal li "*... kellhom jitbiddlu il-front screen, sealer ta' mal-iscreen bit-total ta' dan kollu jiġi €419.53 plus il-VAT. Il-parts estimate li tista tfisser li l-ammont ikun aktar jew ikun inqas huwa ta' elf mija u hamsa u sittin euro (€1165)*" (fol. 55). Bhala *loss of use*, l-*insurance* taght jumejn. In kontro-ezami, huwa qal li s-socjeta minnu rappreżentata hija l-kumpanija assikuratrici ta' l-intimat. Mistoqsi dwar il-kwistjoni tal-hlas, ix-xhud qal li "*ahna bhala insurance ma dehrilniex li kellna nhallsu lir-rikorrenti. Ahna dehrilna li l-kiosk kien qieghed ipparkjat fuq sajdu bil-permessi kollha u tal-bus skont ma jirrizulta mir-rapporti tal-pulizija ġibed il-gewwa minhabba vettura li kienet ġejja minn faċċata u laqghat il-hadid li kien qed iżomm l-spot lights li kien hemm mal-kiosk*" (fol. 55).

7. **Ir-rikorrenti** xehed fis-seduta tat-23 ta' Ottubru, 2012. Beda biex qal li l-kiosk ta' l-intimat kien qieghed

ipparkjat "*wrong side u l-barra mill-kaxxa*" (fol. 57). Huwa kien sejjer fid-direzzjoni tal-Birgu. Qal ukoll li huwa meta kien qieghed isuq kien qieghed ihares l-isfel u ma kellhux ghalfejn ihares il-fuq u dan peress li ma kienx diehel go mina. Zied ighid li hekk kif wasal biex jaqbeż il-kiosk ta' l-intimat huwa kellu jiġbed fuq in-naha tal-lemin tat-triq u dan peress li kienet nieżla karozza mid-direzzjoni opposta. X'hin ghamel hekk, ix-xarabank laqtet il-hadid li kellu l-kiosk hergin il-barra. It-triq, dak il-hin li kien ghaddej ir-rikorrenti minnha bix-xarabank kienet miftuha ghat-traffiku u l-festa kienet ghadha ma bdietx. Dwar il-hadid, ir-rikorrenti jghid li "*il-hadid bl-ispot lights imwahhlin minnhom ma setghux jidhru minn fejn kont qieghed insuq jiena il-ghaliex huma suwed jixxiebhu l-istess mas-sigra*" (fol. 57). In kontro-ezami qal li dak-in-nhar li sehh l-incident, dik kienet l-ewwel okkazzjoni tieghu li huwa ghadda minn dik it-triq. Huwa qal li "*Il-kiosk kien qieghed ipparkjat ... in-naha l-ohra tat-triq fuq ir-wrong side hiereg il-barra*" (fol. 58). Permezz ta' nota mressqa mir-rikorrenti fil-31 ta' Ottubru, 2012, huwa nforma lit-Tribunal li huwa tilef is-somma ta' €350 ghal jumejn xoghol li fih ma setax juża x-xarabank tieghu.

Fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2012 kompla l-kontro-ezami tar-rikorrenti. Huwa qal li jaqbel ma dak li kien qieghed jiġi suggerit lilu u cioe li l-kiosk kien qieghed ipparkjat go *parking bay*, però żied ighid li peress li l-kiosk kien ikbar mill-*parking bay* allura dan hareg il-barra minnha. Mistoqsi jekk setax jara dawn il-fanali, r-rikorrenti qal li "*... meta tkun qed issuq ma tkunx mohhok biex thares il-fuq trid thares il-quddiem u biex jekk dak li jkun ikun ser jaqsamlek it-triq tkun tista tarah*" (fol. 70) u "*Minn fuq mhux suppost li tippretendi li jkun hemm xi affarijiet illi jtellfu*" (fol. 70).

8. **L-intimat** xehed fl-istess seduta. Beda biex qal li xogholu huwa bil-kiosk u jarmah fil-festi. Huwa qal li applika ghal permess relattiv mal-Kunsill Lokali u wara li nhariglu l-permess, huwa ma jipparkja l-kiosk tieghu fil-*parking bay* li ilu jipparkja fiha ghal snin shah. Il-Gimgha fis-6.00a.m. huwa mar jipparkja l-kiosk fil-*parking bay* li jidher fir-ritratti. Xi 2;30p.m. jew it-2:45p.m. kienu ċemplulu

mill-Ghassa tal-Pulizija ta’ Bormla u infurmawh li kien sehh inċident mal-kiosk tieghu. Huwa mar mal-ewwel fuq il-post u ghamel il-*claim* relattiva mal-assikurazzjoni tieghu. Bhala hsarat, l-intimat ighid li huwa kellu biss hadida li ntlewiet xi ftit. Huwa qal li l-kiosk kien ipparkjat fil-parking bay, ghalkemm it-tyre kien hiereg il-barra minn din il-*parking bay*. L-intimat qal li huwa ghandu video ta’ dak-in-nhar li sehh l-incident u obbliga ruhhu li jippreżentah sas-seduta li jmiss. Huwa qal ukoll li l-kiosk tieghu huwa liċenzjat u allura legalment ma kellhux bżonn permess mill-Kunsill Lokali biex jipparkja. Minkejja dan, huwa xorta wahda ghamel tali permess u dan peress li ried ibiegh l-ikel mill-kiosk.

In kontro-ezami, huwa qal li meta halla l-kiosk filghodu, l-hadid tas-search lights kienu qeghdin il-gewwa u mhux il-barra. Fil-fatt ighid li minkejja li huwa ma kienx hemmhekk, xorta wahda halla l-video camera taghti u fil-fatt ghaddew diversi xarabankx minn ma ġenb il-kiosk. Kien biss meta sehh l-incident li dawn il-hadid kienu mahrugin kollha l-barra. Pero, f’dan ir-rigward qal li “*jista jkun però li dawn il-hadid li jestendu l-barra kienu xi ftit il-barra u meta ghadda r-rikorrenti u laqathom dawn hargu*” (fol. 73). L-intimat żied ighid li r-rikorrenti kien ghaddej b’veolcita qawwija f’dik it-triq peress li kull ma qabditu l-camera kien ghal frazzjoni ta’ sekonda. Dwar kif iddeċieda li jipparkja l-kiosk f’dik il-*parking bay* partikolari, l-intimat qal li l-Kunsill Lokali lilu hemm qallu biex jipparkja.

Ikkunsidra ulterjorment;

9. Illi f’din il-kawza r-rikorrenti qieghed jitlob il-hlas ghad-danni sofferti fix-xarabank minnu misjuqa meta nhar is-7 ta’ Dicembru, 2009 waqt li kien ghaddej minn Triq Santa Tereza ġewwa Bormla huwa baqa diehel go hadida li kienet qeghda tisporgi minn go kiosk proprjetà ta’ l-intimat.

10. Mill-provi prodotti, jirrizulta li waqt li kien qieghed isuq ix-xarabank tieghu fi Triq Santa Tereza, Bormla, huwa kellhu jaghmel manuvra sabiex jevita vettura li kienet ġejja mid-direzzjoni opposta. Jirrizulta li hekk kif

appena gie fejn il-kiosk ta’ l-intimat, huwa laqat il-*windscreen* tax-xarabank b’hadida li kienet hierga mil-gemb tal-kiosk. L-intimat qal li dawn il-hadidiet kienu qeghdin il-gewwa meta huwa kien ipparkja dan il-kiosk dak-in-nhar filghodu tant li kien hemm anke xarabanks ohra li ghaddew minn din l-istess triq u minn ma gemb il-kiosk u hadd minnhom ma laqghat dawn il-haddidiet. Zied ighid però li “*jista jkun però li dawn il-hadid li jestendu l-barra kienu xi ftit il-barra u meta ghadda r-rikorrenti u laqathom dawn hargu*” (fol. 73). Ma jirriżultax lit-Tribunal li r-rikorrenti ma kienx qieghed iżżomm *a proper lookout*. L-incident sehh minhabba l-fatt li kien hemm dawn il-hadid fuq il-kiosk kienu qeghdin xi ftit il-barra kif jistqarr l-istess intimat. Diga kien hemm il-kiosk li ma kienx qieghed gol-parking bay l-ghaliex l-istess kiosk kien ikbar mill-imsemmija parking bay u allura l-intimat messu ha hsieb li ma jhalli xejn li b’xi mod jew iehor jkompli jkabbar il-problema. Kull minn juża t-triq ghandu l-obbligi u r-responsabbilitajiet tieghu. L-intimat kellhu jara li ma johloqx xi sinistru bl-ipparkeggjar tal-kiosk tieghu f’dik il-lokalita. Haga din li kif diġà rajna, ma ghamilx. Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed isib lill-intimat responsabbli ghall-akkadut.

11. Ghar-rigward tad-danni subiti, dawn ma ġewx ikkontestati u ghaldaqstant it-Tribunal qieghed iqishom bhala ppruvati.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jichad il-kumplament ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-intimat u jilqa t-talba tar-rikorrenti fl-ammont ta’ elf disa mija tnejn u sebghin euro [€1,972] u jikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta’ elf disa mija tnejn u sebghin euro [€1,972] bl-imghaxijiet fuq dan l-ammont kif mitluba.

L-ispejjez, ghandhom ikunu kollha a kariku tal-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------